MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Numru 863/2004

Il-Pulizija
(Spettur Mario Haber)

vs

Reuben Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet mahruga kontra l-imputat, karta ta' identita' numru 276975M, talli:

i. fit-2 ta' Ottubru 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'Malta bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta' parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu minn Malta, jew li sew f'Malta jew barra minn Malta, kkongura f'dak is-sens ma' xi persuni ohra – bi ksur tal-Artikolu 337A tal-Kap 9;

ii. fit-2 ta' Ottubru 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, assocja ruhu flimkien u ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta (reat bi ksur ta' l-Artikolu 337A tal-Kap 9) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija – bi ksur tal-Artikolu 48A tal-Kap 9.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom ittrasmetta l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi fuq l-akkuzi dwar il-htija jew nuqqas taghha tal-imputat ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tieghu tal-imputat;

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-imputat jeccita l-Artikolu 337A u l-Artikolu 48A tal-Kap 9. L-ewwel wiehed jittratta it-traffikar ta' persuni u t-tieni l-assocjazzjoni.

Rendikont tal-provi juru li:

- fl-4 ta' Ottubru 2004 mart l-imputat irrapurtat li zewgha kien hareg b'speed boat, registrata fuq ismu, izda ma kienx irritona lura;
- fis-7 tal-istess xahar l-Ispettur prosekutur kien infurmat li l-imputat kien nstab circa 66 mil-nawtiku l'isfel minn Malta;
- fuq id-dghajsa, flimkien mal-imputat, kien hemm hames persuni ohra, tlieta ta' nazzjonalita' Ciniza u tnejn ta' nazjonalita' Libika;
- l-vjagg bis-sitt persuni abbord beda fit-2 ta' dak ix-xahar ta' Ottubru f'xi hin wara d-9.00 ta' bil-lejl;

- fit-tieni stqarrija tieghu, ossija dik li irrilaxxja fit-8 tal-istess xahar, li hi dik li l-Qorti temmen li tikkontjeni l-verita', l-imputat jistqarr li kien ftehem ma' certu Anthony Borg li jiehu l-imsemmija barranin f'Sqallija u zied jghid li fimkien ma' l-istess Borg kien f'xi hin qabel it-tluq ghatta d-dghajsa permezz ta' karta adesiva u minn kulur safrani gabha kulur hamrani;
- l-hames persuni barranin abbord ilkoll jirreferu ghall-fatt li xi siegha u nofs wara li kienu salpaw il-magna tad-dghajsa waqfet u damu jimxu mal-kurrent ghal circa mitt siegha wara sakemm gew intercettati minn skuna tas-sajd u eventwalment rilaxxjati f'idejn il-Pulizija.
- l-istess persuni abbord ilkoll jistqarru li hallsu biex jittiehdu Sqallija u gharfu l-imputat qua l-persuna li saqet id-dghajsa.

Illi gia' minn dan ir-resokont qasir tal-provi l-Qorti tista b'konvinciment issib kolpevolezza fl-imputat u tistqarr inverosimili li l-intenzjoni tieghu kienet li jisvija l-barranin li kellu abbord li minflokk johodhom Sqallija johodhom Ghawdex. Din l-inverosimiljanza hi accentwata wkoll mill-fatt li fit-tieni stqarrija tieghu l-imputat jispjega li f'xi mument lemah 'helicopter' idur fuqu u hawnhekk ha d-decizjoni li jdur lura; fatt dan li jispjega ghaliex gie intercettat fin-nofsinhar ta' Malta bil-magni weqfin minghajr karburant. Tabilhaqq, jirrizulta wkoll miz-zewg relazzjonijiet tal-periti teknici nominati fil-kors ta' dawn il-proceduri li lis-'speed boat' kellha tankjiet ghall-hazna ta' karburant sufficjenti ghall-qsim ghal Sqallija wkoll kunsidrat il-velocita' massima li l-magna kienet kapaci tiggenera.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi migjuba wkoll ghal dak li jirrigwarda r-recidiva li tinsab pruvata permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta u esebita in atti.

Ghal dik li hi piena l-Qorti ikkunsidrat l-Artikolu 17(h) tal-Kap 9 u tiddikjara l-akkuza dwar l-assocjazzjoni assorbita f'dik tat-traffikar ta' persuni. Ikkunsidrat wkoll l-ewwel

proviso tal-Artikolu 337A tal-Kap 9 gia' ezistenti fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat. Ikkonsidrat r-recidiva abbinata mal-fedina penali tieghu. Ikkonsidrat fl-ahharnett is-sentenza ta' Anthony Borg esebita mid-difiza u l-fatt li fil-kaz tal-imputat odjern apparti l-kundanna ghall-ispejjez tal-periti nominati ser ikun hemm l-konfiska tad-daghjsa ossija lis-'speed boat'.

Ghaldaqstant fuq l-iskorta tal-Artikoli 337A, 48A, 17, 49, 50, 533 u 23 tal-Kap 9 issib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Tikkundannah multa ta' €23,294. Tikkundannah wkoll ihallas l-ispejjes tal-esperti nominati fil-kors ta' dawn il-proceduri zmien xahar minn meta jigu notifikati lilu mir-Registratur ta' din il-Qorti. Tordna l-konfiska tal-ispeedboat salv kull dritt spettanti lis-sid tal-iskuna 'Ave Maria', jekk il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------